MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Numru. 465/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Nadine Theuma**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Nadine Theuma ta' 25 sena bint il-mejjet Edmond u Jane nee Grech, imwielda San Ġiljan fit-12 ta' Diċembru, 1977 u toqgħod 36, Serene, Good Shepherd Avenue, Balzan, detentriċi tal-karta ta' l-identita' bin-numru 69778 (M)

Akkużata talli

2. Bejn it-3 ta' Jannar, 2002 u f'dati preċedenti, fil-Belt Valletta u fi bnadi oħra, b'mezzi oħra kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki foloz, jew billi

nqdiet b'qerq ieħor, b'ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' erbat elef, mitejn u seba' u tletin lira Maltija (Lm4,237) bi ħsara lil Adrian Pace. U dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputata, li jġib in-numru 697/1978, l-fedina penali netta ta' l-imputata (a fol. 3), il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (a fol. 5), ir-risposta ta' l-imputata mogħtija fil-16 ta' Settembru, 2003, li ma kinitx ħatja, (a fol. 15), l-istqarrija magħmula mill-imputata fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, (a fol. 13), il-kopja tas-sekwestru magħmul minn Hi-Tech Products Limited kontra Millenium Enterprises Limited (a fol. 31), il-kopja tas-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Dennis Montebello nhar l-1 ta' Novembru, 2002 fl-ismijiet "Hi-Tech Products Limited vs Millenium Enterprises Limited" a fol. 36, il-ftehim magħmul fid-9 ta' Diċembru, 2002 mill-imputata, Ms Nadine Theuma għan-nom ta' Millenium Enterprises Limited u s-Sur Adrian Pace għan-nom ta' Hi-Tech Products Limited, liema ftehmim jinsab a fol. 64 ta' dan il-proċess, iċ-cekk ta' l-HSBC maħruġ minn Nadine Theuma biex isir il-ħlas lil Hi-Tech Products għas-somma ta' erbat elef, mitejn u seba' u tletin lira Maltija (Lm4,237), liema ċekk huwa datat 3 ta' Jannar, 2002. Rat ukoll dokumenti oħra ppreżentati fit-13 ta' Ottubru, 2005 immarkati bħala Dok. NT, xi karti tal-VAT li jidhru maħruġin minn Hi-Tech Products Limited, Triq San Kristofru, Valletta, id-dokumenti a fol. 24 sa 29, kif ukoll l-aħħar dokument ippreżentat seduta stante, Dok. AP fl-10 ta' Mejju, 2006.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

6. Il-fatti tal-każ huma li fil-15 ta' Mejju, 2003, ċertu Adrian Pace, mar l-ufficju jagħmel complaint li nħariġlu ċekk li kien ibbawnsja. Iċ-ċekk kien tal-figura ta' erbat elef, mitejn u seba' u tletin lira Maltija (Lm4,237) u kien suppost maħruġ fit-3 ta' Jannar, 2002. Adrian Pace huwa l-Managing Director tal-kumpanija Hi-Tech Products Limited. Dan l-aħħar sentejn, l-imputata, Nadine Theuma kienet tmur Hi-Tech shop il-Belt Valleta, u ġieli xtrat xi affarijiet mingħandhom. Fl-aħħar tas-sena 2001 kienet ordnat tliet PDA laptops li kellu jippreżenta l-order form tagħhom il-complainant innifsu. Fit-3 ta' Jannar, 2002 reġgħet marret ippreżentat ruħha fil-Belt Valletta, fejn kellmet lil Adrian Pace u qaltlu li kienet ordnat computers PDA imbagħad ħarġet iċ-ċekk li l-ammont tiegħu huwa ta' erbat elef, mitejn u seba' u tletin lira Maltija (Lm4,237) datat 3 ta' Jannar, 2002. Fil-fatt hija ħadet l-affarijiet, PDA computers, propju dakinhar. Il-computers kien għinha ġġorrhom wieħed mill-impjegati ta' Adrian Pace. Ħamest ijiem wara li ħareġ iċ-ċekk, Adrian Pace mar sabiex isarraf iċ-ċekk il-bank pero' kien referred back to drawer.

## L-istqarrija ta' l-imputata

7. L-istqarrija ta' l-imputata saret fis-17 ta' Lulju 2003. L-imputata qalet li taħdem bħala Managing Director ta' Millenium Enterprises. Hi kienet l-uniku Direttur. Kienet murija ċ-ċekk u qalet li dan iċ-ċekk kien ħareġ xahar qabel, post dated, għall-prodotti li kienet diġa' ħadet. Ikkonfermat li kienet ħadet laptops u PDAs. Hija għarfet il-firma tagħha fuq iċ-ċekk. Hija qalet li ċ-ċekk ma kinitx ħarġitu fid-data li qaltilha l-Ispettur, jiġifieri 8 ta' Jannar, 2002 għax kien post dated. Hija qalet li suppost f'Jannar kellu jidħol xi pagament, allura suppost li kien se jkun hemm flus.

8. Kien hemm mistoqsija "Wara li inti ħriġt iċ-ċekk lil Pace, Pace ikkuntattjak rigward dan iċ-ċekk, li rriżulta li ma jistax jissarraf?" L-imputata wieġbet "Jien kont ċempiltlu qabel biex ma jiddepożitahx għax ma kontx għadni rċevejt il-flus." Mistoqsija: "Meta kien dan?" Tweġiba: "Ma niftakarx għax m'inix tajba fid-dates imma f'Jannar għax kelli

nirċievi pagamenti f'Jannar 2002." Ikkonfermat li fuq wara kien hemm il-mobile number tagħha. Hija qalet li kienet ħallset xi ħaġa lil Adrian Pace u kien jonqosha madwar tliet elef lira, pero' ma tafx sewwa l-figura. Hija qalet li kienet ammettiet li kellha ttih il-flus quddiem il-Qorti Ċivili, f'pagamenti ta' mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm250) fix-xahar, plus li kienet qed tagħmillu websites u affarijiet bħal dawn.

9. Adrian Pace xehed li l-imputata kienet klijenta regolari tagħhom u li kienet ordnat tliet laptops. Kienet damet xi ftit ma tmur għalihom għax kienet qalet li kienet għadha ma tħallsitx mingħand il-klijenti tagħha. Huwa qal li ċ-ċekk kien inkiteb quddiemu u kien iffirmat quddiemu. Iċ-ċekk huwa maħruġ mill-HSBC, Pjazza B. Fenech, Balzan, fuqu tidher il-figura Lm4,237 u hemm in-numru 44-118, datat 3 ta' Jannar, 2002.

10. Meta tatu ċ-ċekk huwa kien ta l-apparat li kien hemm ordnat kif ukoll permezz ta' dan iċ-ċekk ħallset għal xi affarijiet oħra li kienet laħqet ħadet matul dik il-ġimgħa. Meta huma pprezentaw iċ-ċekk, iċ-ċekk ġie returned to drawer. Huwa kien ċempel lill-imputata fuqu u qaltlu "Ħu paċenzja ħalli tlett ijiem oħra jgħaddu u erġa' pprezentah għax hemm xi ċekk li rrid niddepożitah il-bank. Reġgħu marru l-bank u xorta ma kienx imsarraf. Dan sar xi tliet darbiet wara xulxin. L-imputata kienet tgħidlu li qed tistenna xi flus mill-klijenti tagħha. Għamlet l-order u kienu nħarġulha xi invoices (a fol. 19). Ix-xhud semma' x'kien hemm fl-invoices differenti a fol. 20, fosthom tliet speed note books (invoice number H 41), one flat screen TFT, H35. Ix-xhud qal illi id-data li fiha ħadet il-laptops hija dik li kien hemm fuq iċ-ċekk (a fol. 20). It-3 ta' Jannar 2002 kienet l-istess ġurnata li fiha marret tiġbor il-kumplament ta' l-affarijiet. L-affarijiet kien tahomlha hu stess. Kien hemm kollega tiegħu li għinha biex iniżżlu l-affarijiet isfel. Wara baqgħu iċmplulha u hi dejjem tgħid li se tħallashom. Apparentement kellha xi klijent li jismu Multi Trade Limited u hemm il-firma tal-PL Dingli fejn tgħid li biha ġie dikjarat li m'hemm xejn oġġetti li huma tal-Millenium Enterprises Limited. Ix-xhud żied jgħid li kienu

għamlu kawża fil-Qorti fejn il-Millenium Enterprises Limited kienet ikkundannata biex tħallas l-ammont dovut.

11. Xehed ukoll Alan Borg, a fol. 41 li qal li fit-3 ta' Jannar, 2002 kienu taw xi prodotti lill-imputata, affarijiet ta' computers bħal laptops, computer products, u hi tathom ċekk li kellu jissarraf dik il-ġurnata stess. Il-prodotti tawhom lill-imputata, Nadine Theuma, li huwa għaraf fl-awla. In kontro-eżami ix-xhud qal li ma kienx jiftakar kemm kien jiswa' ċ-ċekk. Id-Difiża staqsiet jekk iċ-ċekk kienx għall-affarijiet li ttieħdu dakinhar biss jew inkella għal dawk li ttieħdu qabel ukoll. Ix-xhud qal "Naf li tatna ċekk tal-prodotti li kienet ħadet hemm. Kien hemm xi affarijiet pendenti. Kienet suppost ħallset għalihom. A fol. 45 ix-xhud għaraf iċ-ċekk li kien ġie lura għandhom.

12. Catherine Fenech, rappreżentanta ta' l-HSBC qalet illi l-kont li kellha l-imputata nfetaħ fil-31 ta' Diċembru, 2001 u ingħalaq fit-18 ta' Jannar, 2002. Allura fiż-żmien tat-3 ta' Jannar, 2002, il-kont kien għadu miftuħ. Hija qalet illi kien hemm ċekk b'ammont ta' erbat elef, mitejn u seba' u tletin lira Maltija (Lm4,237) li kien ġie preżentat darbtejn u kien ritornat darbtejn (a fol. 48).

13. Adrian Pace reġa' xehed fl-1 ta' Diċembru, 2003 u qal li kien qed jippreżenta kopja ta' agreement li kien sar fid-9 ta' Diċembru, 2002 minn Ms Nadine Theuma, li kienet qed tidher għal Millenium Enterprises Limited u Mr Adrian Pace, li kien qed jidher għal Hi-Tech Products Limited fejn jidher li Millenium Enterprises Limited kellha tagħti s-somma ta' erbat elef, mitejn u seba' u tletin lira Maltija (Lm4,237) u magħhom l-ispejjeż tal-Qorti, li kienu jammontaw għal ħames mitt lira Maltija (Lm500) bl-interessi ta' disgħa fil-mija, mid-data ta' l-invoice sakemm jitħallas l-ammont kollu u dan skond sentenza tal-Qorti datata 1 ta' Novembru, 2002. Fil-ftehim kien hemm ukoll illi kellhom jitħallsu mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm250) kull xahar, a fol. 64. Effettivament, a fol. 55 naqraw li l-imputata kienet għamlet diversi pagamenti. Fid-9 ta' Diċembru, 2002, ħallset mitejn u ħamsin lira Maltija, fit-2 ta' Jannar, 2003 ħallset mija u għaxar liri Maltin minflok mitejn u ħamsin, u qaltlu li se tħallas il-kumplament, u fit-

28 ta' Jannar, 2003 ħallset ħamsin lira Maltija. Minn dik il-ġurnata sa l-ewwel ta' Diċembru, 2003 ma kienx tħallas iktar, għalkemm wegħditu li se tħallas. F'mument minnhom qalilha "Jekk ma tistax tħallasni, għamilli website u naqtgħu il-ħlas tal-website minn dan il-bilanċ (a fol. 56). Il-website kienet bdietha pero' qatt ma kienet saret u s-Sur Adrian Pace baqa' jistenna. Hawn qal "Jien inħossni ingannat doppju." Ix-xhud qal li d-dejn għandu jitħallas lill-kumpanija Hi-Tech Products Limited. Għall-mistoqsija tad-Difiża huwa qal li kienu biegħuhom lil Millenium Enterprises Limited. Kien hemm diversi oġġetti u computers li nbiegħu u fil-jum li hija tat iċ-ċekk biex tħallas l-ammont kollu, kien hemm tliet laptops li ħadet dakinhar stess u ħallset ukoll b'dak iċ-ċekk, diversi affarijiet oħra li kienet ħadet qabel (a fol. 57). Iċ-ċekk kienet ħarġitu biex tħallas kollox inklużi l-oġġetti li ttieħdu qabel. Ix-xhud innega li ċ-ċekk kien post dated. Għall-mistoqsija tal-Qorti, huwa kkonferma li fil-jum tat-3 ta' Jannar, 2002 kienu ingħataw l-oġġetti u b'dak iċ-ċekk suppost li ħallset xi oġġetti li kienet ħadet qabel (a fol. 58), inklużi dawk li ħadet dakinhar ukoll.

14. Ix-xhud baqa' jinsisti li ċ-ċekk ma kienx post dated. Ix-xhud kompla jispjega kif ġie għall-figura ta' erbat elef u seba' mija u qal li erbat elef, mitejn u seba' u tletin lira Maltija (Lm4,237) kien l-ammont ta' l-invoicing, imbagħad kien hemm ħames mitt lira Maltija (Lm500) court expenses, u l-interessi, erba' mija u ħamsin lira Maltija (Lm450) u dan kien jiġi total ta' ħamest elef, mija u seba' u tmenin lira Maltija (Lm5,187), iżda bil-pagament li għamlet ta' erba' mija u għaxar liri Maltin (Lm410) jitnaqqas mill-ammont u jiġi bilanċ ta' erbat elef, seba' mija u sebgħa u sebgħin lira Maltija (Lm4,777). Meta xtrat xi affarijiet qabel, kien hemm fejn ħallset in cash (a fol. 60).

15. A fol. 61 issemmew ċerta figuri għal ċertu affarijiet u x-xhud qal "Iva din kienet xtrathom qabel, iva nikkonferma u kienet ħallsithom cash." Għall-mistoqsija mid-Difiża, jekk Hi-Tech Products Limited kinitx ġiet iffrodata minn Millenium Enterprises Limited għas-somma ta' erbat elef, mitejn u seba' u tletin lira Maltija (Lm4,237), ix-xhud qal "Hekk hu." Ix-xhud ikkonferma li kollox sar għan-nom tal-

kumpanija, jiġifieri l-bejgħ sar minn Hi-Tech Products Limited u mhux personalment bħala Adrian Pace.

16. Fl-1 ta' Diċembru, 2003 xehed Keith Micallef li qal illi kien qed jagħraf id-Dok AP2 sa AP7 bħala invoices illi ntbagħtu lil Millenium Enterprises Limited. Dawn intbagħtu mis-socjeta' Hi-Tech Products Limited. Ix-xhud fil-fatt jaħdem ma' Gala and Associates, bħala Financial Controller pero' Hi-Tech Products taqa' taħt il-group ta' Gala and Associates.

17. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fl-1 ta' Diċembru, 2003.

18. L-imputata xehdet fit-13 ta' Ottubru, 2005. Hija qalet li dak iż-żmien hija kienet tbiegħ il-computers u issa tgħallem il-computers, tipprogramma u tiddisinja l-websites u brochures u affarijiet hekk. Hi kienet tixtri on credit minn suppliers differenti u kienet tbiegħ dawn il-prodotti fil-lokal. Qatt ma kienet timporta minn barra. Hi kienet ilha tinnegozja ma' Hi-Tech Limited u dawn kienu jagħtuha xagħrejn jew tliet xhur credit u kienet tbiegħ dawk l-affarijiet hawn Malta.

19. Hi qalet li sfortunatament, imbagħad kellha problema ma' klijent, imbagħad inqalgħet din il-biċċa xogħol. Kienet iltaqgħet mal-klijent, kien se jordna ċertu affarijiet mingħandha u xi whud minn dawn l-affarijiet kienet xtrathom mingħand Hi-Tech Limited u xi oħrajn kienet xtrathom mingħand xi ħaddieħor. Wieħed mid-delivery men tagħha ma ffirmax il-Multi Trade delivery note (a fol. 86) ta' l-affarijiet u meta bdiet iċċempillu għall-flus, il-klijent qalilha li ma kinitx tatu dawn l-affarijiet. Hi kienet sellfitu fax minn tagħha għax wieħed mill-faxes kien għadu ma wasalx. Dan lanqas biss ammetta li l-fax kienet tagħha (a fol. 87). Fuq din il-kwistjoni hija kienet għarrfet lil Adrian Pace, id-Direttur ta' Hi-Tech Limited u qaltlu li kelllha problemi biex tħallas il-kont pendenti.

20. Dwar iċ-ċekk tat-3 ta' Jannar, 2002 hija qalet illi kienet ħadet affarijiet f'Novembru u Diċembru u kważi, kważi anke l-aħħar ta' Ottubru 2002, għax hija kienet dejjem

tieħu credit, jiġifieri qatt ma kienet tħallsu dak il-ħin stess. Hi ma kellhiex loans mill-bank jiġifieri l-unika credit kien mis-supplier. Imbagħad kienet qaltlu li "Ha nagħmillek post dated cheque imbagħad inkellmek." Qaltlu "Għandi naqra problemi ma' Multi Trade u kienet semmietlu wkoll min kien il-klijent. Meta ma daħalx il-pagament ta' Multi Trade hija ma setgħetx tiddepożita l-flus. Kienet ċemplitlu xi jumejn qabel u qaltlu "stenna ġimgħa jew tnejn oħra sa ma niddepożita ċ-ċekk għax ma tħallastx mill-Multi Trade." Hija qatt ma nnegat illi kellha tagħti xi flus lil HI-Tech u meta nfetħet il-kawża ċivili, kienet ammettiet li kellha tagħtih il-flus u sar payment plan. Imbagħad kienet għamlet xi xahar ma tiflaħx u mmissjat pagament. Kif immissjat il-pagament is-Sur Adrian Pace kien mar biċ-ċekk l-għassa u anke issa, dan l-aħħar kienet qed taħdem fuq programm miegħu sabiex meta hu jbiegħu lill-klijent tiegħu ikun jista' jinqata' mid-dejn tagħha.

21. Il-Pulizija kienu kellmuha wara li kienet saret il-kawża ċivili. "Jiena għandi anke Vat receipts ta' payments li kont għamilt, wieħed minnhom anke ta' elf lira" (a fol. 88). Hija qalet li għandha problemi bil-kumpanija u mhux qed tbiegħ computers u qed tgħallem u tiddisijna u affarijiet hekk. hija qed taħdem biex tipprova tħallas il-pending balances li għandha. Għalhekk kienet avżatu li kienet għadha ma ddepożitatx il-flus. Mingħand tal-Multi Trade għadha ma ħadet xejn. Mistoqsija mill-Avukat "Inti qatt ippruvajt tiffroda jew kellek l-intenzjoni li tiffroda lil Hi-Tech?" Ix-xhud qalet "Le, qatt. Ħadd ma jieħu pjaċir ikollu lil xi ħadd jiġri warajh."

22. L-imputata meta xehdet qalet li l-bilanċ kien ta' elfejn u disa' mitt lira Maltija (Lm2,900), li suppost kif tispiċċa dan il-każ kellha titla' l-Ġermanja u se titħallas on a contract basis. Hi qed taħdem programm lis-Sur Pace u trid taqta' l-bilanċ. Ilha tkellmu minn Marzu għax il-kumpanija Ġermaniża f'Marzu kienet se timpjegaha, jiġifieri s-Sur Pace ilu jaf minn Marzu. Hija qalet li n-negozju tagħha kien dejjem ma' Hi-Tech Limited u qatt ma kien mas-Sur Adrian Pace personali.

**Trattazzjoni**

23. Fit-trattazzjoni il-Prosekuzzjoni nsistiet illi mill-istqarrija ta' l-imputata u miċ-ċekk li hi, lill-Prosekuzzjoni baqgħet tgħid li kien post dated, argumentat illi l-imputazzjoni ġiet ippruvata. Minn naħa l-oħra d-Difiża nsistiet fuq żewġ punti prinċipalment. L-ewwel nett, l-intenzjoni illi tiffroda qatt ma kien f'moħħ l-imputata. It-tieni ħaġa li semmiet kienet li s-Sur Adrian Pace qatt ma daħal fl-istorja kif hemm fl-imputazzjoni għaliex in-negozju, kollu kemm hu sar ma' Hi-Tech Limited.

Ikkonsidrat

24. L-ewwel ħaġa l-Qorti tinnota illi l-invoices jidhru li ħarġu minn Hi-Tech Products Limited. Jekk wieħed iħares lejn fol. 25, 26, 27, 28 u 29 jara l-kliem Millenium Enterprises Limited, Attention Ms Nadine Theuma. It-tieni ħaġa jidher li vera kien hemm il-kont miftuħ f'isem Ms Nadine Theuma, fil-fergħa ta' Ħal Balzan ta' l-HSBC u jidher ċekk illi 000012 ref. XIMW02408 u l-withdrawal jidher ta' Lm4,237. Iċ-ċekk jidher miktub fuqu 3 ta' Jannar, 2002 u l-pagament irid isir lil Hi-Tech Products. Fuq wara taċ-ċekk jidher in-numru tal-karta ta' l-identita' ta' l-imputata 69778 (M). Fuq l-istess ċekk fuq in-naħa ta' quddiem hemm miktub 1) refer to drawer 08$^{th}$ January 2002 u 2) refer to drawer 16$^{th}$ January 2002.

25. Skond l-aħħar informazzjoni mogħtija minn Adrian Pace jidher li sa Mejju 2006, minħabba l-interessi eċċ, l-ammont li fadal jingħata huwa ta' Lm5,751.61. Jidher li saru ħlasijiet mill-imputata fit-8 ta' Frar, 2006, fis-6 ta' Marzu, 2006, fid-29 ta' Marzu, 2006 u fit-8 ta' mejju, 2006.

26. Fl-istqarrija tagħha l-imputata kienet qalet dan huwa ċekk li nħareġ xahar qabel, post dated għall-prodotti li diġa' kont ħadt. Dan huwa punt li l-imputata qalitu diversi drabi u huwa kkonfermat ukoll li kienet ħadet prodotti qabel u għalhekk dan iċ-ċekk fil-fehma tal-Qorti seta' kien qiegħed effettivament jew kollu jew parti minnu qiegħed ikopri xi xiri li kienet għamlet l-imputata qabel. M'hemm

ebda dubju li l-imputata kienet klijenta regolari. Is-Sur Adrian Pace qal li dak li kienet ħadet qabel kienet tħallsu in cash. L-imputata pero' qed tagħti verżjoni differenti għaliex qed tgħid li ċ-ċekk kienet kitbitu qabel, post dated għal affarijiet li kienet ħadet qabel.

27. A fol. 57 Adrian Pace qal li ċ-ċekk kien biex jitħallas l-ammont kollu ta' tliet laptops li kienet ħadet dakinhar stess u ħallset ukoll b'dak iċ-ċekk diversi affarijiet oħra li kienet ħadet qabel. Mir-rendikont ta' l-HSBC jidher illi l-kont kien infetaħ fil-31 ta' Diċembru 2001 u ngħalaq fis-17 ta' Jannar, 2002. Fl-istqarrija tagħha l-imputata qalet illi n-numru li kien hemm fuq iċ-ċekk 79841817 kien in-numru tal-mobile tagħha u qalet ukoll li hi kienet telgħet quddiem il-Qorti ċivili dwar il-ħlas ta' dawn il-flus u ammettiet li kellha tagħti dawn il-flus u ftehmet li tagħmel pagamenti ta' mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm250) fix-xahar. Fl-istqarrija tagħha wkoll, hija kienet qalet "Suppost f'Jannar kellu jidħol xi pagament allura suppost kien se jkun hemm il-flus." Meta xehdet hija spjegat kif kellha tieħu mingħand kumpanija oħra u din il-kumpanija kienet naqset li tonera l-ftehim magħha għal xi raġuni jew oħra.

28. Fuq dan il-punt il-Qorti qed tagħmel referenza għal deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Frar, 1999, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, mill-Imħallef, illum President, l-Onorevoli Dr. Vincent De Gaetano fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby" Vol. LXXXIII/1999 part 4, paġna 184. Il-Qorti qalet hekk: "Mhux kull ċekk li ma jiġix onorat mill-bank neċessarjament jammonta għal reat ta' truffa (artikolu 308 tal-Kap. 9) jew għal reat minuri iżda kompriż u nvolut f'dak ta' truffa, ta' lukru frawdolent innominat (artikolu 309); u dan hu hekk anke jekk kemm-il darba jirriżulta li meta nħareġ iċ-ċekk jew meta kellu jiġi msarraf, min sarrfu kien jaf li ma hemmx flus fil-kont relattiv. Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali, kolleġjalment komposta, fis-sentenza tad-29 ta' Novembru, 1922 fl-ismijiet "Sua Maesta il Re vs Antonio Demicoli et" mhux kull forma ta' lokupletazzjoni magħmul a dannu ta' ħaddieħor tammonta għal frodi fis-sens tal-liġi penali. Fil-liġi tagħna, biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi nnominata, irid ikun ġie ipperpetrat mill-aġent, xi forma ta' ingann jew qerq liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew

tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligħ għall-aġent. (“Il-Pulizija vs Emanuele Ellul” – Appell Kriminali – 2- ta’ Ġunju, 1997. Ara wkoll “Il-Pulizija vs Daniel Frendo” Appell Kriminali – 25 ta’ Marzu, 1994). Dan it-telf ħafna drabi jkun li jikkonsisti filli l-vittma propju għax tkun ġiet ingannata, volontarjament tagħti xi ħaġa lill-aġent (“Il-Pulizija vs Carmen Cassar Parnis” – Appell Kriminali – 12 ta’ Diċembru, 1959 Vol. XLIII. IV. 1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f’raġġiri jew artifizji, ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm il-frodi innomintata (ara “Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis – 31 ta’ Ottubru, 1959 Vol. 43 part 4 paġna 1137; “Il-Pulizija vs Francesca Caruana – Appell Kriminali 25 ta’ Lulju, 1953 Vol.XXXVII. IV. 1127; ara wkoll “Il-Pulizija vs Giuseppe Schrainer” – Appell Kriminali – 3 ta’ Marzu, 1986). Naturalment il-ħruġ ta’ ċekk fuq kont bla flus jista’ jkun propju l-mezz ta’ ngann adoperat biex jinduċi lil dak li jkun sabiex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa ġġib tlef patrimonjali bil-konsegwenti gwadann għall-aġent (“Il-Pulizija vs Francis Farrugia – Appell Kriminali 7 ta’ Frar, 1985, Vol. LXIX. Part 5 paġna 596).

29. Fil-każ in eżami ma jidhirx illi hemm prova ta’ xi raġġir meta l-imputata kienet qed toħroġ iċ-ċekk, li wara ma kienx jista’ jissarraf. Din hija sitwazzjoni fejn l-imputata sabet ruħha f’diffikultajiet finanzjarji minħabba li ħaddieħor seta’ ma onorax il-ftehim magħha, iżda għal din il-Qorti diffiċli biex tara li kienet qed tuża xi mezz biex din tqarraq b’min kien qed jissuplixxiha bl-affarijiet. Fil-fatt jidher li ċertu tranzazzjonijiet li saru qabel kienu onorati mill-imputata.

30. It-tieni punt li l-Qorti qed tara hija, li skond l-imputazzjoni, il-ħsara saret lil Adrian Pace. Mid-dokumenti pprovduti jidher ampjament ċar illi il-business kien bejn Hi-Tech Products Limited u Millenium Enterprises Limited, ukoll jekk fuq l-invoice jidher Attn. Ms. Nadine Theuma. Effettivament jidher li saħansitra mis-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Dennis Montebello u magħmula minn Hi-Tech Products Limited, illi dan id-dejn kien qed jiġi deċiż favur Hi-Tech Products Limited u mhux

favur Adrian Pace u l-konvenut kien Millenium Enterprises Limited u mhux Nadine Theuma.

31. Skond il-liġi kummerċjali wieħed irid jagħmel differenza bejn persuni naturali u persuni legali, ukoll jekk huma Diretturi ta' kumpaniji, Adrian Pace m'huwiex Hi-Tech Products Limited u Nadine Theuma m'hijiex Millenium Enterprises Limited. Ukoll jekk wieħed jinjora l-aħħar parti da dak li għadu kif intqal, jiġifieri li Millenium Enterprises Limited mhix Nadine Theuma, jibqa' l-fatt li kif redatta ċ-ċitazzjoni hija ndirizzata lil ħsara li saret lil Adrian Pace, meta jekk saret xi ħsara kienet lill-kumpanija Hi-Tech Products Limited. U għalhekk l-imputazzjoni ma tistax treġi di fronte ta' l-imputata.

32. Għaldaqstant, il-Qorti, għar-raġunijiet mogħtija iktar 'il fuq, wara li rat l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta mhux qed issib lill-imputata ħatja ta' xi reat taħt dawn l-artikoli u qed tilliberaha mill-imputazzjoni dedotta kontra tagħha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------